



**2021/0227(BUD)**

8.9.2021

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022  
(2021/0227(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Luděk Niedermayer

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jitlob li l-baġit tal-Unjoni għall-2022 iwettaq il-Patt Ekoloġiku Ewropew; jitlob allinjament tal-baġit tal-Unjoni għall-2022 mal-impenji klimatiċi tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi;
2. Jitlob li l-baġit għall-2022 jikkontribwixxi għat-twettiq tal-prijoritajiet deskritti fis-Semestru Ewropew, filwaqt li jagħti lok għat-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u jitlob li l-infiq tiegħu assoċjat mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jintuża fl-għanijiet ta' politika proprja bi struttura ta' sitt pilastru u jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti mill-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti;
3. Jiddispuja dwar it-tnaqqis propost mill-Kunsill għall-baġit tal-Unjoni għall-2022 u jfakkar fil-hteġa li jinżammu l-impenji miftiehma għall-QFP fil-livell interistituzzjonali;
4. Iqis li l-baġit tal-Unjoni għandu jkompli jappoġġa l-irkupru soċjali u ekonomiku sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni wara l-pandemija tal-COVID-19 u jappoġġa l-prijoritajiet tal-Unjoni; jissottolinja li x-xokk simmetriku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 ikkawża konsegwenzi asimmetriċi għall-Istati Membri u jwissi kontra r-riskju ta' rkupru irregolari u inġust kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni;
5. Jitlob baġit tal-Unjoni inklużiv li jgħin lill-Ewropej jindirizzaw it-tranżizzjonijiet diġitali; jitlob l-implimentazzjoni tal-Politika tal-Edukazzjoni Diġitali tal-UE u taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-ħiliet diġitali;
6. Jappoġġa l-approċċ meħud mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jappoġġaw is-saħħa u jindirizzaw ix-xokkijiet ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19; jirrimarka li n-negozji u l-unitajiet domestiċi rċevew l-appoġġ finanzjarju neċessarju minn mindu tfaċċat il-pandemija tal-COVID-19;
7. Jisħaq li l-Istrument Ewropew għall-Irkupru (Next Generation EU (NGEU)) jirrappreżenta deċiżjoni sinifikanti fil-baġit tal-Unjoni u li l-użu effiċjenti tal-fondi biss jista' jwassal għas-suċċess tal-istrument; ifakkar li l-approvazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali hija biss il-bidu tal-proċess, u jitlob lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li jiġu ffinanzjati biss proġetti li jkunu konsistenti mal-NGEU;
8. Jitlob approċċ aktar proattiv mill-Kummissjoni fil-għieda kontra l-użu ħażin ta' fondi tal-Unjoni, l-għemil ħażin u l-kunflitti ta' interess; jisħaq li huwa meħtieġ titjib sinifikanti biex tinżamm il-kredibbiltà tal-prinċipji ewlenin tal-politika baġitarja tal-Unjoni; jesprimi tħassib dwar il-progress insuffiċjenti magħmul, b'mod partikolari fl-infiq, fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni, fejn hemm inqas trasparenza u r-rwol tal-Kummissjoni fil-kontroll tal-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni huwa inferjuri għal partijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni;

9. Jisħaq fuq l-ħtieġa ta' miżuri msaħħa u mmirati biex jappoġġaw b'mod rapidu u effettiv lill-persuni, lill-ħaddiema, lil dawk li jaħdmu għal rashom, lis-setturi u lir-reġjuni milquta l-aġar mill-pandemija; jitlob li jkun hemm aktar riżorsi biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi soċjali u tal-ġeneru, il-faqar u l-qgħad, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa, liż-żgħażaġh u lill-gruppi vulnerabbli;
10. Jenfasizza l-importanza ta' riżorsi suffiċjenti għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki makroekonomiċi, soċjali u ambjentali, għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, għall-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u għall-infurzar tal-qafas ta' governanza ekonomika; jiddispjaċih li l-Unjoni, l-Istati Membri u l-baġit tal-Unjoni jitilfu mijiet ta' biljuni ta' euro kull sena minħabba l-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa, li jkunu jistgħu jiġu diretti lejn l-isforzi ta' rkupru;
11. Jisħaq b'mod partikolari fuq il-ħtieġa, fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali Nru 13/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti tal-Awdituri), li jiġu allokatu immedjatament riżorsi adegwati biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) madwar l-Unjoni;
12. Jinsisti fuq l-appelli tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikollhom riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti biex jiskrutinizzaw l-użu tal-fondi tal-Unjoni; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni u l-Kunsill ipproponew biss żidiet minimi fil-baġits għal dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi;
13. Ifakkar li l-introduzzjoni ta' basket ta' riżorsi proprji ġodda hija l-aħjar mod biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-baġit tal-Unjoni;
14. Jissottolinja l-ħtieġa li tingħata spinta lil irkupru ekonomiku sostenibbli, inklużiv u ekwu, filwaqt li jitwettqu riformi bbilanċjati mil-lat soċjali għall-immodernizzar tal-ekonomiji tal-Unjoni u t-tiħiħ tar-reżiljenza, il-koeżjoni u l-kompetittività tagħhom, u jiġi ffaċilitat ukoll l-aċċess tal-SMEs u n-negozji l-ġodda għall-finanzi; jissottolinja li l-SMEs intlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi tal-COVID-19; jissottolinja l-importanza ta' finanzjament adegwat sabiex l-SMEs u n-negozji l-ġodda jiġu appoġġati b'mod effettiv; jitlob li l-baġit tal-Unjoni għall-2022 jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament li jappoġġa lill-kumpaniji fit-tweqqiq tal-oġġettiv tal-Unjoni li tinkiseb ekonomija newtrali għall-klima;
15. Jilqa' l-adozzjoni tal-Programm InvestEU; jinsisti li fl-2022, il-Programm InvestEU għandu jipprioritizza l-aċċess iffaċilitat tal-SMEs għall-finanzjament kif ukoll il-finanzjament għall-ħiliet u l-investment soċjali;
16. Jilqa' l-estensjoni tal-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat sal-31 ta' Diċembru 2021 fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19; jitlob riżorsi msaħħa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u rapida tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Unjoni biex, permezz tal-istrument ta' rkupru l-ġdid, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jagħmlu użu sħiħ mill-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat rigward il-ħtiġijiet finanzjarji relatati direttament mal-pandemija tal-COVID-19; jistenna li l-Kummissjoni tissorvelja l-iskemi kollha approvati skont il-Qafas Temporanju u l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament tas-suq intern;

17. Jissottolinja li s-setturi kulturali u kreattivi, kif ukoll it-turiżmu, inkluż it-turiżmu kulturali, u l-edukazzjoni, huma u se jibqgħu fost is-setturi ewlenin li se jgħorru l-piż tal-effetti tal-kriżi tal-COVID-19 li qed tiffaċċja l-Unjoni;
18. Jitlob li l-baġit jikkontribwixxi għat-twettiq ta' prijoritajiet tal-politika ekonomika bħatlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, bil-għan li jkun hemm titjib f'dak li jirrigwarda t-trawwim ta' ambjent ta' investiment fit-tul u sostenibbli u aċċess għall-finanzi għall-parteċipanti kollha tas-suq, iżda b'mod partikolari l-SMEs u n-negozji ġodda, filwaqt li jinħolqu opportunitajiet ta' investiment ulterjuri għall-investituri fil-livell tal-konsumatur;
19. Jissottolinja l-importanza tal-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni u jistieden lill-Kummissjoni turi aktar flessibilità fl-evalwazzjoni u l-valutazzjoni mill-ġdid tal-proposti mwettqa fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni;
20. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ b'approċċ aktar rigoruż rigward id-diżimpenji u tirrialloka u tuża mill-ġdid il-fondi mhux minfuqa biex tiffinanzja objettivi prijoritarji u oqsma maqbula fil-livell interistituzzjonali, speċjalment f'oqsma relatati mal-ġestjoni tal-pandemija, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-innovazzjoni u l-politiki soċjali;
21. Jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-korpi li jirċievu finanzjament mill-Unjoni;
22. Jitlob riżorsi finanzjarji u umani adegwati għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) fid-dawl tal-kompiti u s-setgħat il-ġodda assenjati lilhom u li jirriżultaw mir-reviżjoni tar-Regolamenti tal-ASE (bir-Regolament (UE) 2019/2175); jitlob trasparenza ikbar fir-rigward tal-funzjonament tal-bordijiet tas-superviżuri tagħhom sabiex ikun hemm titjib fir-responsabbiltà tagħhom u fl-istrutturi ta' governanza tagħhom;
23. Fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 13/2021 fir-rigward tal-azzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) fil-qasam tal-AML/CFT; iqis li parti mill-baġit għandha titqiegħed fir-riżerva sakemm l-EBA tiżgura konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri u tadotta strateġija ċara biex tuża b'mod effettiv l-għodod kollha tagħha għall-AML/CFT fil-pjan ta' ħidma tagħha għall-2022;
24. Jirrimarka li l-iżviluppi fl-oqsma tal-finanzi sostenibbli, il-FinTech, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, ir-reżiljenza ċibernetika, il-pagamenti u l-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja għandhom jew se jinvolvu kompetenzi u kompiti ġodda għall-ASE, li għandhom ikunu akkumpanjati minn riżorsi adegwati; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-fatt li l-adozzjoni ta' leġislazzjoni li tirrigwarda l-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tal-Unjoni rriżultat f'mandati u kompiti akbar għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), iżda dan ma ġiex rifless f'baġit addizzjonali, u jista' jpoġġi pressjoni fuq il-kapaċità tal-ESMA li twettaq l-aġenda superviżorja u regolatorja tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tagħha; jirrimarka li r-Regolament dwar is-swieq fil-kriptoassi (MiCA), ir-Regolament dwar ir-reġim pilota tad-DLT u l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) x'aktarx jiġġeneraw kompetenzi ġodda għall-ASE;
25. Jieħu nota tar-rwol importanti tal-Kumitat Superviżorju tal-ESMA, kemm fir-rigward tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tal-Unjoni kif ukoll fir-rigward ta' dawk ta' pajjiżi terzi, biex is-swieq finanzjarji Ewropej jinżammu stabbli u ordnati u biex tissaħħaħ il-

protezzjoni tal-investituri; jinnota li filwaqt li l-finanzjament tal-attivitajiet fir-rigward tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tal-Unjoni huwa kopert mill-baġit tal-ESMA, l-attivitajiet superviżorji tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar ta' pajjiżi terzi huma koperti mit-tariffi li l-ESMA tiġbor mill-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar ta' pajjiżi terzi; jinnota li ma ġewx ipprovduti riżorsi addizzjonali għall-ESMA, la fir-rigward tal-kompiti l-ġodda tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tal-Unjoni fl-ambitu tal-EMIR 2.2 u lanqas fir-rigward tal-kompiti ta' rkupru u reżiljenza tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar; jitlob li jiżdied il-finanzjament tal-ESMA biex jiġi żgurat li l-Kumitat Superviżorju tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar ikollu l-kapaċità li jwettaq il-kompiti attwali u annwali tiegħu fir-rigward tal-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-qafas attwali għall-ġbir tat-tariffi mill-kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar ta' pajjiżi terzi biex l-ESMA tkun tista' tiġbor ammont li jirrifletti s-sostenibbiltà u l-aċċettabbiltà fit-tul tal-istruttura tat-tariffi, filwaqt li jkollha approċċ aktar proporzjonat fil-konfront ta' kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar b'livelli differenti ta' attività ta' rilevanza għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni;

26. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-ASE; jisħaq li l-aċċettazzjoni tal-baġit propost għandha twassal għal progress ċar fl-oqsma fejn xi responsabbiltajiet jingħataw lill-ASE u fejn is-sitwazzjoni attwali mhijiex sodisfaċenti, speċjalment fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
27. Jenfasizza li l-finanzjament għall-entitajiet kontabilistiċi u l-awtoritajiet tat-taxxa għandu jkompli, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati fil-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, u biex jiġu promossi t-trasparenza u ċ-ċertezza; jenfasizza li dawk l-entitajiet għandhom ikunu responsabbli quddiem il-Parlament;
28. Jitlob aktar trasparenza fil-ħidma tal-Kummissjoni meta tkun qed tevalwa proġetti pilota ppreżentati mill-Parlament, peress li xi wħud jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-funzjonament tal-Unjoni; jirrimarka li l-metodi ta' ħidma attwali huma nieqsa mit-trasparenza u ċ-ċarezza, u dan iwassal biex bosta proposti importanti u fattibbli, li jista' jkollhom valur miżjud, jiġu rrifjutati;
29. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet kollha li jirċievu finanzjament mill-Unjoni jridu jġibu ruħhom b'mod politikament newtrali u imparzjali;
30. Jinnota t-tnedija tal-Osservatorju tal-UE għar-Reati Fiskali u Finanzjarji bħala azzjoni preparatorja; iqis li tali Osservatorju jista' jkun kontribut utli kemm għad-dibattitu demokratiku neċessarju kif ukoll għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti biex l-Osservatorju jinżamm għaddej wara l-2022;
31. Ifakkar li l-introduzzjoni ta' basket ta' riżorsi proprji ġodda ġiet integrata fil-koooperazzjoni interistituzzjonali dwar pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda; jinsisti li mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri u imposta diġitali għandhom jiġu adottati u implimentati fi ħdan skeda ta' żmien li tagħti lok li jikkontribwixxu għall-NGEU;
32. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw malajr il-proposti leġiżlattivi li jmiss tal-Kummissjoni għal imposta diġitali mfassla mill-ġdid, il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri u l-iskema tal-UE għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet (EU ETS) u jikkonkludu n-negozjati dwar taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fl-

ambitu tal-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa sa tmiem l-2022;

33. Jissottolinja l-ħtieġa ta' riżorsi adegwati għall-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika ta' kwalità għolja fl-Unjoni; jisħaq li minkejja xi progress, għad hemm dgħufijiet u lakuni importanti f'termini ta' użu, kopertura u aċċessibbiltà fl-istatistika prodotta u hija meħtieġa azzjoni immedjata; iqis, għalhekk, li parti mill-baġit għandha titqiegħed friżerva sakemm l-Eurostat ikun ressaq pjan ta' azzjoni ambizzjuż biex irendi s-sit web tiegħu sostanzjalment aktar faċli biex jintuża, jiżgura l-aċċessibbiltà għad-data u l-informazzjoni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u jiżviluppa statistika u indikaturi ġodda li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni;
34. Jissottolinja l-importanza ta' riżorsi adegwati biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' standards ta' rappurtar u awditjar finanzjarji u mhux finanzjarji robusti u affidabbli globalment u madwar l-Unjoni; jemma, madankollu, li parti mill-baġit allokat għandha tiġi sospiża sakemm il-Fondazzjoni tal-IFRS u l-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) ikunu taw segwitu adegwat għat-talbiet rilevanti magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-evalwazzjoni tal-IAS u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni tal-IFRS, l-EFRAG u l-PIOB<sup>1</sup>;

---

<sup>1</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016IP0248&from=MT>

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	1.9.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 45 -: 4 0: 7
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gunnar Beck, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Francesca Donato, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Sven Giegold, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Fulvio Martusciello, Costas Mavrides, Jörg Meuthen, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Alfred Sant, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Ernest Urtaşun, Inese Vaidere, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni, Roberts Zile
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Niels Fuglsang, Eugen Jurzyca



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

45	+
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Georgios Kyrtsos, Aušra Maldeikienė, Fulvio Martusciello, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Engin Eroglu, Luis Garicano, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Dragoş Pîslaru, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Marek Belka, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Paul Tang
The Left	José Gusmão, Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Sven Giegold, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun

4	-
ECR	Michiel Hoogeveen
ID	Gunnar Beck, Jörg Meuthen
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

7	0
ECR	Eugen Jurzyca, Roberts Zīle
ID	Francesca Donato, Valentino Grant, France Jamet, Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni